MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 57/2013

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors pprezentat minn XXX fl-1 ta' Frar 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-ammont mitlub u reklamat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-ittra ufficjali pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Dicembru 2012 u jiddikjara li l-imsemmija ittra ufficjali bl-ammont kif mitulb fiha m'ghandhomx jikkostitwixxu stat fil-konfront tieghu u minflok jigi dikjarat ammont gust u reali, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra

r-Rikorrent, stante li: (i) ir-Rikors promotur huwa rritu u null in kwantu ma giex intavolat fil-forum adattat; (ii) l-aggravju mressaq mir-Rikorrent fit-tieni paragrafu tar-Rikors promotur ghandu jigi michud stante li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-Likwidazzjoni tat-taxxa kontestata hija gustifikata ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (iii) l-appell tar-Rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

Ra li waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Mejju 2013 il-partijiet qablu li t-Tribunal jaghti sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qabel ma jittratta l-mertu ta’ dawn il-proceduri;

Ra li waqt is-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2013 l-istadju tal-provi tar-Rikorrent dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gie dikjarat maghluq stante li naqas milli jressaq il-provi tieghu fir-rigward minkejja li nghata diversi opportunitajiet ghal dan l-iskop;

Sema’ x-xhieda ta’ Roderic Sultana, in rappreznetanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ Jannar 2014 u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduta a fol. 20 u 21 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B’ittra ufficjali pprezentata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Dicembru 2012[1] id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jinterpella lir-Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, sabiex fi zmien jumejn min-notifika ta' dik l-ittra jhallas is-somma ta' €33,711.93 rapprezentanti ammont minnu dovut skond l-imsemmi Att. Id-Direttur Generali in oltre jgharraf lir-Rikorrent li l-interpellazzjoni qed issir ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, partikolarment sabiex

[1] Fol. 20 tal-process.

jigi rez esegwibbli t-titolu ezekuttiv li huwa ghandu kontra l-istess Rikorrent permezz ta' Avviz lilu notifikat.

Ir-Rikorrent jikkontesta l-interpellazzjoni u konsegwenti talba ghall-hlas da parte tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in bazi ghall-aggravju li *ma huwiex qed jaqbel ma' l-ammont kif mitlub minn l-intimat, u dana stante li se mai u bla pregudizzju ser jirrizulta waqt is-smigh ta' dana r-rikors, l-ammont li ghandu jhallas l-esponenti huwa ferm u ferm anqas minn dak reklamat.* In bazi ghal tali aggravju r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-ammont hekk mitlub u reklamat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali u konsegwentement jiddikjara li l-istess ittra ufficjali bl-ammont kif mitlub ma ghandhiex tikkostitwixxi stat fil-konfront tieghu u minflok li jiddikjara ammont gust u reali dovut minnu.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jilqa' ghat-talbiet tar-Rikorrent *inter alia* bl-eccezzjoni preliminari ta' l-irritwalità u nullità tal-proceduri odjerni in kwantu istitwiti quddiem forum mhux idoneju u bl-eccezzjoni fil-meritu li l-aggravju sollevat mir-Rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li l-Likwidazzjoni attakkata hija gustifikata ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Att, Huwa ghandu jaghti decizjoni entro terminu ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz u ghal tali ghan ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kaz, kemm dawk ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, ma huwiex dejjem konsiljabbli u fl-ahjar interess tal-partijiet li tali provvediment tal-Ligi jigi applikat. Dan huwa partikolarment il-kaz fejn bhal fil-kaz in ezami tigi sollevata eccezzjoni li tolqot il-kompetenza tat-Tribunal li jisma' u jiddetermina t-talbiet avvanzati mir-Rikorrent fil-konfront ta' decizjoni jew azzjoni ta' Awtorità pubblika, f'dan il-kaz tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u

konsegwentement il-validità legali tal-proceduri hekk istitwiti mir-Rikorrent.

In effetti t-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami ghandu jittratta u jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qabel ma jidhol fi u jibda jisma' provi dwar il-meritu tal-kaz partikolarment fid-dawl tal-fatt li proceduri ta' indoli fiskali tendenzjalment ikunu kumplessi u ta' ceru dettal. Dan il-hsieb tat-Tribunal jirrizulta kondiviz mill-partijiet kontendenti li waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2013 qablu li t-Tribunal ghandu l-ewwel jaghti decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Kif già osservat id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jeccepixxi in linea preliminari l-irritwalità u n-nullità tal-proceduri istitwiti mir-Rikorrent stante li l-istess ma gewx intavolati quddiem il-forum idoneju. B'din l-eccezzjoni d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) essenzjalment qed jikkontesta l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva biex jisma' u jittratta l-lanjanzi u konsegwenti talbiet tar-Rikorrent kif diretti fil-konfront ta' l-interpellazzjoni giudizzjarja tad-Direttur Generali ghall-hlas tas-somma ta' €33,711.93 bis-sahha ta' l-ittra ufficjali pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Dicembru 2012. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jibbaza din l-eccezzjoni fuq il-fatt li l-procedura minnu adottata fil-konfront tar-Rikorrent hija dik kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema procedura ma taqax taht l-iskrutinju u b'hekk fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva.

L-Artikolu 59(1) u (2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. (2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u*

*penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' atti gudizzjarju. Meta jiskadi l-perijodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta' l-artijiet, skont il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar.*

Mill-atti processwali u mix-xhieda ta' Roderic Sultana, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata jew kontradetta mir-Rikorrent, jirrizulta li d-Direttur Generali effettivament ipproceda fil-konfront tar-Rikorrent bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè hareg *demand note* fil-konfront tar-Rikorrent f'Awwissu 2012[2] u wara li r-Rikorrent baqa' inadempjenti minkejja tali *demand note* ipproceda bl-interpellazzjoni gudizzjarja bis-sahha ta' l-ittra ufficjali pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Dicembru 2012[3].

Minn dak provdut fl-Artikolu 59(1) u (2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta johrog car li l-ittra ufficjali mibghuta mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) lir-Rikorrent hija **pass ulterjuri** tad-Direttur Generali fil-process tal-gbir ta' taxxa u penali amministrattiva dovuta mill-istess Rikorrent skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema process inbeda bl-ispedizzjoni ta' l-Avviz, fil-kaz in ezami d-*demand note* mibghuta f'Awwissu ta' l-2012, imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Avviz jitqies li jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Ligi kemm-il darba t-*taxpayer* ma jgibx, entro t-terminu prefiss fil-Ligi, prova kuntrarja ghal dak pretiz mid-Direttur Generali. In effetti b'dik l-ittra

---

[2] Fol. 21 tal-process.
[3] Fol. 20 tal-process.

ufficjali d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed **jirrendi esegwibbli t-titolu ezekuttiv minnu già miksub fil-konfront tar-Rikorrent** bl-ispezzjoni ta' l-Avviz, kif inghad id-*demand note* mibghuta f'Awwissu 2012, ai termini ta' l-Artikolu 59(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva f'materja ta' taxxa fuq il-valur mizjud hija regolata b'diversi disposizzjonijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament bl-Artikoli 43, 44, 45 u 46 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi u bl-Artikolu 1 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tat-Tribunal minn dawn id-disposizzjonijiet johrog b'mod car li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gustament jikkontendi li kwistjonijiet relattivi ghal u konnessi ma' interpellazzjoni ghall-hlas maghmula a tenur ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaqghux taht il-komptenza tieghu.

L-Artikolu 45 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *ghandu jitwaqqaf Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bil-ghan li jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jsiru skont l-artikoli 43 u 44*. A tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *d-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att ghandha tapplika ghar-rigward ta' kull appell maghmul jew ta' kwistjoni riferita lit-Tribunal, l-ghamla u l-kompetenza tat-Tribunal u r-regolamenti tal-proceduri tat-Tribunal*. L-Artikolu 1 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *t-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu ta' taxxa kkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkancella l-istima jew jaghmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni ohra kif hu iqis xieraq. It-Tribunal huwa kompetenti li jiddeterina kull haga mibghuta lilu skont l-artikolu 44. It-Tribunal jista', f'kull decizjoni, jaghti ordni fuq l-ispejjez tal-kaz kif hu jqis xieraq.*

L-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u l-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi jipprovdi li *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar – (a) ir-registrazzjoni ta' persuna taht dan l-Att jew it-thassir*

*ta' dik ir-registrazzjoni; (b) kull taxxa li ghandha tithallas fuq provvista jew akkwist hlief ghal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa; (c) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oggetti maghmula jew li jkollha tintaghmel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le; (d) kull taxxa li ghandha tithallas fuq l-importazzjoni ta' oggetti; (e) il-lok, il-hin u il-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli; (f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna registrata taht l-Artikolu 10 ghal xi zmien ta' taxxa; (g) kull garanzija mehtiega mill-Kummissarju taht dan l-Att; (h) jekk xi hlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew ghandux jithallas lil dik il-persuna jew le; (i) kull punt ta' ligi li m'huwiex inkluz fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu; (j) kull haga li, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-sahha ta' dan l-Att, tista' tingieb fl-appell; (k) l-impozizzjoni ta' kull penali amministrattiva, hlief meta imposta bhala rizultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tigi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li ghandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta johrog b'mod car li l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva f'materji relatati u nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija ben definita u hija cirkoskritta ghal **stimi** mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fil-konfront tat-*taxpayer* u ghal materji li tista' issir **referenza** dwarhom quddiem it-Tribunal ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Indipendentement minn dawk li jistghu jkunu r-ragunijiet in bazi ghal liema it-*taxpayer* ikun qed jikkontesta l-pretensjoni u konsegwenti interpellazzjoni ghall-hlas tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenti esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa evidenti li dik it-talba u konsegwenti azzjoni huma ben distinti minn stima mahruga mill-istess Direttur Generali ai termini ta' l-

Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk isegwi li l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li kif osservat jaghti lit-*taxpayer* dritt ta' appell minn stima ghal quddiem dan it-Tribunal, ma japplikax fil-kuntest ta' tali talba ghall-hlas u konsegwentement ghalhekk ma jistax isir appell minnha ghal quddiem dan it-Tribunal bis-sahha ta' dak l-artikolu tal-Ligi partikolari.

Il-kontestazzjoni ghall-interprellazzjoni maghmula mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenti azzjoni minnu mehuda ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, lanqas ma tista' titqies li taqa' taht wahda jew iktar mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar liema tista' ssir referenza quddiem dan it-Tribunal u allura jsegwi li tali procedura ta' referenza wkoll ma tapplikax f'tali kaz.

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba l-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, hija intiza biex titolu ezekuttiv jigi rez esegwibbli u ai termini tal-Ligi senjatament ta' l-Artikolu 58 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghal tali ghan jirrikorri quddiem il-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili, kull kontestazzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess necessarjament trid tigi diretta quddiem il-Qorti taht l-Awtorità ta' liema qed tintalab dik l-esekuzzjoni. Ladarba dan huwa l-kaz hija ulterjorment il-fehma tat-Tribunal li f'dan l-istadju jiskatta dak provdut fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu* ***kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima***[4], minn liema johrog car li jekk hemm Qorti ohra li già tkun qed tiehu konjizzjoni tal-materja partikolari hija dik il-Qorti li tibqa', u mhux it-Tribunal isir, kompetenti biex tittratta dik

4 Enfasi tat-Tribunal.

l-istess materja u tilwimiet nascenti minnha u/jew assocjati maghha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fis-sens illi r-Rikors promotur gie intavolat quddiem il-forum mhux idoneju, u konsegwentement filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrent u lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------